

6 t'ijiem

# Prague

**A- 08-13 Mej B -17-22 Lul**
**C- 07-12 Aww D-04-09 Sep**
**E- 02-07 Ott**

**Prague, Dresden, Český Krumlov, Karlovy Vary, Kutna Hora**

**Il-Ħamis 08 ta' Mejju**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl'11.00 għat titjira KM538 li ttir fis-13.30 u naslu **Praga** fl'16.00 nibqgħu sejrin lejn il-**Green Garden Hotel 4star.** Sistemazzjoni tal-kmamar u ħin liberu. Ħdejn il-lukanda hemm diversi restaurants bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd.

**Il-Ġimgħa 0G ta'Mejju**
Il-belt ta' Praga għandha wisq x'toffri lit-turist, għalhekk illum ikollna **city tour** biex naraw parti ta' din il-belt bħal **Prague Castle**, kumpless kbir ta' bini fejn fost l-oħrajn hawn il-kastell S.Vitus, il-bażilika ta' San Ġorġ u l-Palazz Irjali, inkomplu billi nżuru l-Knisja fejn hemm il-Bambin ta' Praga, Kampa Island, **Charles Bridge** eċċ. Wara jkollna nofs ta'nhar liberu biex tgawdu din il-belt. Min irid jista' jmur mat-tour leader għal cruise (extra) madwar ix-xmara Vlatva minn fejn naraw il-belt minn perspettiva differenti. Filgħaxija min irrid jista' jingħaqad magħna għal Folklore Night.

**Is-Sibt 10 ta' Mejju**
Bla dubju, **Dresden**-hekk imsejħa Firenze tan-naħa ta' Fuq, hi fost il-bliet Ġermaniżi l-aktar meraviljużi. Opportunità napprezzaw il-ġmiel tal-kastell viċin it-Theaterplatz, Opera House, Sempergalerie, Taschenbergpalais u Hofkirche. Naraw aktar postijiet ta' interess bħal hekk imsejħa Fürstenzug jew purċissjoni tal-prinċipijiet. Ikollna ftit ħin liberu għax-xiri. Nirritornaw lura l-lukanda.

**Il-Ħadd 11 ta' Mejju**
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Karlovy Vary** fil-Punent tal-Bohemia, fejn matul il- vjaġġ tagħna ser ikollna l-opportunita' li nappreżżaw il-kampanja ta' din iż-żona sakemm naslu. Il-belt ta' Karlovy Vary tinsab f'wied tassew sabiħ. Flimkien mal-gwida nżuru l-knisja **ta' Maria Magdalena, naraw il-famużi Spa Colonnades u l-funtani**. Hawn magħruf ħafna għax-xogħol tal-kristall u nsibu waħda mill-aqwa brands fid-dinja. Ma tistax tkun **Karlovy Vary** u ma dduqx il-famużi Wafers li huma tant delizzjużi, kif ukoll il-liquor tradizzjonali Becherovka u sintendi l-ilma naturali mineral springs. Nirritornaw lura l-hotel.

**It-Tnejn 12 ta' Mejju**
Buffet breakfast u eskursjoni għal **Český Krumlov** li hi meqjusa bħala l-isbaħ belt tal-Bohemia. Din il-belt protetta u meqjusa mill-Unesco bħala World Heritage, tgawdi xenarju mill-isbaħ. Fi triqitna lejn Český Krumlov, li jinsab fuq ix-xmara Vltava, niltaqgħu ma' għadd ta' villaġġi ħelwin u kampanja spettakolari. Inżuru ċ-ċentru storiku kif ukoll il-kastell (dħul extra). Filgħaxija mmorru għal drink.

**It-Tlieta 13 ta' Mejju**
Wara li nieħdu l-buffet breakfast,eskursjoni li toħodna fil-belt medjevali ta' **Kutna Hora**. Nesploraw din l-erja tas-seklu 13 li hi magħrufa għall-minjieri tal-fidda. Hawn ser ikollna l-opportunita' li naraw il-Katidral maestuż stil gotiku iddedikat lil St Barbara, monumenti sbieħ u djar storiċi. Ikollna ħin għall-ikel (extra).Inkomplu lejn Sedlec fejn inżuru l-Bone Chapel. Inkomplu it triq lejn l-ajruport għat -titjira tal-Air Malta KM539 li ttir fid- 20.40 u naslu Malta 23.10.

**Prezz Kull Persuna**

**Eskursjonijiet u taxxi nklużi**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €930 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €950 |
| Kamra ta' persuna waħedha | €1240 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €820 |
| Supplement groups A + E €20 | |

City Tax mhux inkluza

**Prezz Jinkludi:**

- Titjira mal-KM Malta Air għal Praga
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 5 t'iljieli - Green Garden Hotel 4 star fiċ-ċentru ta' Praga
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Fund